② Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 222

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

11 ta' Lulju 2017

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 222/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8519 — Santander/SAM) (1) ................ 1

2017/C 222/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8273 — Standard/Braas Monier) (1) ....... 1

2017/C 222/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8507 — GENUI/Summit/Sycamore/ Market Logic Software) (1) .......... 2

2017/C 222/04 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ Nru M.8314 — Broadcom/Brocade) (1) ...... 2

2017/C 222/05 Deċiżjoni li tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-Banco Popular Español, S.A. .................. 3

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 222/06 Rata tal-kambju tal-euro .......... 4

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

2017/C 222/07 Notifika tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għat-28 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2017 *(Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))* ..... 5

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2017/C 222/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8084 — Bayer/Monsanto) [1] ..... 6

2017/C 222/09 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8509 — LVMH/Marcolin/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] ..... 7

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.8519 — Santander/SAM)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 222/01)

Fit-3 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32017M8519. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.8273 — Standard/Braas Monier)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 222/02)

Fis-27 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32017M8273. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.8507 — GENUI/Summit/Sycamore/Market Logic Software)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 222/03)

Fit-3 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32017M8507. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.8314 — Broadcom/Brocade)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 222/04)

Fit-12 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) flimkien mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32017M8314. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Deċiżjoni li tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-Banco Popular Español, S.A.**

(2017/C 222/05)

Fis-7 ta' Ġunju 2017, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ddeċieda li jadotta skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-Banco Popular Español, S.A.. Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 ([1]). L-elementi ewlenin ta' din id-deċiżjoni huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni: | fis-7 ta' Ġunju 2017 |
| Nru tad-Deċiżjoni: | SRB/EES/2017/08 |
| Destinatarju: | FROB |
| Istituzzjoni taħt riżoluzzjoni: | Banco Popular Español, S.A. |
| Applikazzjoni tat-tniżżil fil-valur u s-setgħa li ssir konverżjoni tal-istrumenti ta' kapital: | Iva |
| Għodda ta' Riżoluzzjoni: | Għodda tal-bejgħ ta' operat |
| Xerrej: | Banco Santander, S.A. |
| Għajnuna mill-Fond: | Le |

Aktar informazzjoni dwar din id-deċiżjoni tinsab fis-sit web uffiċjali tal-BUR: https://srb.europa.eu/en/content/banco-popular

([1]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**L-10 ta' Lulju 2017**

(2017/C 222/06)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1387 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4703 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 129,98 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,8973 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4366 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5663 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,88443 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5783 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,6175 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 309,36 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1007 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 15,2130 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,7484 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,5165 | HRK | Kuna Kroata | 7,4043 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 257,44 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,096 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8900 |
| HUF | Forint Ungeriż | 307,99 | PHP | Peso Filippin | 57,930 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2340 | RUB | Rouble Russu | 68,8648 |
| RON | Leu Rumen | 4,5698 | THB | Baht Tajlandiż | 38,852 |
| TRY | Lira Turka | 4,1122 | BRL | Real Brażiljan | 3,7292 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4999 | MXN | Peso Messikan | 20,4881 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 73,4405 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Notifika tal-Kummissjoni dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għat-28 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2017**

*(Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))*

(2017/C 222/07)

Rati bażi kkalkulati skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu biex tkun stabbilita r-rata ta' riferenza u ta' tnaqqis (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6). Skont l-użu tar-rata ta' referenza, il-marġini xierqa għad għandhom ikunu ddefiniti f'din il-komunikazzjoni. Għar-rata ta' tnaqqis, dan ifisser li għandu jiżdied marġini ta' 100 punti bażi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 jipprevedi li, jekk mhux speċifikat diversament f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' rkupru għandha tkun ikkalkulata wkoll billi jkunu miżjuda 100 punti bażi fuq ir-rata bażi.

Ir-rati modifikati huma indikati b'tipa grassa.

It-tabella ta' qabel din hija ppubblikata-ĠU C 154, 17.5.2017, p. 27.

| Minn | sa | AT | BE | BG | CY | CZ | DE | DK | EE | EL | ES | FI | FR | HR | HU | IE | IT | LT | LU | LV | MT | NL | PL | PT | RO | SE | SI | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.8.2017 | … | **-0,13** | **-0,13** | 0,76 | **-0,13** | 0,45 | **-0,13** | 0,12 | **-0,13** | **-0,13** | **-0,13** | **-0,13** | **-0,13** | **0,59** | **0,30** | **-0,13** | **-0,13** | **-0,13** | **-0,13** | **-0,13** | **-0,13** | **-0,13** | 1,83 | **-0,13** | 1,10 | -0,36 | **-0,13** | **-0,13** | 0,78 |
| 1.6.2017 | 31.7.2017 | -0,10 | -0,10 | 0,76 | -0,10 | 0,45 | -0,10 | 0,12 | -0,10 | -0,10 | -0,10 | -0,10 | -0,10 | 0,70 | **0,37** | -0,10 | -0,10 | -0,10 | -0,10 | -0,10 | -0,10 | -0,10 | 1,83 | -0,10 | 1,10 | -0,36 | -0,10 | -0,10 | 0,78 |
| 1.5.2017 | 31.5.2017 | **-0,10** | **-0,10** | 0,76 | **-0,10** | 0,45 | **-0,10** | **0,12** | **-0,10** | **-0,10** | **-0,10** | **-0,10** | **-0,10** | **0,70** | 0,44 | **-0,10** | **-0,10** | **-0,10** | **-0,10** | **-0,10** | **-0,10** | **-0,10** | 1,83 | **-0,10** | 1,10 | -0,36 | **-0,10** | **-0,10** | 0,78 |
| 1.4.2017 | 30.4.2017 | -0,08 | -0,08 | 0,76 | -0,08 | 0,45 | -0,08 | 0,16 | -0,08 | -0,08 | -0,08 | -0,08 | -0,08 | **0,83** | **0,44** | -0,08 | -0,08 | -0,08 | -0,08 | -0,08 | -0,08 | -0,08 | 1,83 | -0,08 | 1,10 | -0,36 | -0,08 | -0,08 | 0,78 |
| 1.3.2017 | 31.3.2017 | **-0,08** | **-0,08** | 0,76 | **-0,08** | 0,45 | **-0,08** | 0,16 | **-0,08** | **-0,08** | **-0,08** | **-0,08** | **-0,08** | 1,05 | **0,53** | **-0,08** | **-0,08** | **-0,08** | **-0,08** | **-0,08** | **-0,08** | **-0,08** | 1,83 | **-0,08** | 1,10 | -0,36 | **-0,08** | **-0,08** | 0,78 |
| 1.1.2017 | 28.2.2017 | **-0,07** | **-0,07** | **0,76** | **-0,07** | **0,45** | **-0,07** | **0,16** | **-0,07** | **-0,07** | **-0,07** | **-0,07** | **-0,07** | **1,05** | **0,75** | **-0,07** | **-0,07** | **-0,07** | **-0,07** | **-0,07** | **-0,07** | **-0,07** | **1,83** | **-0,07** | **1,10** | **-0,36** | **-0,07** | **-0,07** | **0,78** |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8084 — Bayer/Monsanto)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 222/08)

1. Fit-30 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Bayer Aktiengesellschaft ("Bayer", il-Ġermanja) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Monsanto Corporation ("Monsanto", l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bayer: kumpanija azzjonarja ta' ġestjoni ta' Bayer Group ikkwotata fil-borża. Bayer Group hija organizzazzjoni internazzjonali diversifikata attiva f'erba' oqsma kummerċjali ewlenin: il-farmaċewtiċi, is-saħħa tal-konsumatur, l-agrikoltura u s-saħħa tal-annimali,

— għal Monsanto: korporazzjoni multinazzjonali Amerikana tal-agrokimika u tal-bijoteknoloġija agrikola kkwotata fil-borża.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+ 32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8084 — Bayer/Monsanto, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8509 — LVMH/Marcolin/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 222/09)

1. Fit-30 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi LVMH-Moët Hennessy Louis Vuitton SE ("LVMH", Franza) ikkontrollata mill-Groupe Arnault SEDCS u Marcolin S.p.A. ("Marcolin", l-Italja) kkontrollata minn PAI Partners S.A.S., jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Newco permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture (JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal LVMH: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti ta' lussu permezz ta' portafoll ta' 60 marka ta' lussu u aktar minn 1 000 punt ta' bejgħ madwar id-dinja,

— għal Marcolin: il-manifattura u d-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' nuċċalijiet, notevolment frejmijiet tan-nuċċalijiet tal-vista u nuċċalijiet tax-xemx,

— għal NewCo: id-disinn, l-iżvilupp u l-manifattura ta' prodotti tan-nuċċalijiet madwar id-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8509 — LVMH/Marcolin/JV fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT